MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' April, 2012

Numru 724/2011

Il-Pulizija
(Spettur Fabian Fleri)

vs

Humphrey (Joseph) Mifsud

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 227968M akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

1. fis- 26 ta' Mejju 2011 gewwa Sqaq Bursett, Zabbar volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè ghamel hsara fil-faccata tad-dar bl-isem ta' 'Lavsim Anaurac', liema hsarat

huma ta’ 1,416 euros ghad-dannu ta’ Alexander Bugeja u/jew Paul Caruana u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fil-lejl ta’ bejn l-1 u it-2 ta’ Novembru 2010 gewwa Sqaq Bursett, Zabbar volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè ghamilt hsara fil-faccata tad-dar bl-isem ta’ ‘Lavsim Anaurac’, liema hsarat huma ta’ 1,416 euros ghad-dannu ta’ Alexander Bugeja u/jew Paul Caruana u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat ssibu hati tal-akkuzi kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 325(b) tal-Kap 9.
Issibu hati.

Tiddecidi u tipprovdi: bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah ghal tlett snin mill-lum.

Tapplika ukoll kontra l-imputat l-Artikolu 383 tal-Kap 9 li ma jimmolestax u ma jkellimx lill-kwerelanti cioè lill-Alexander Bugeja u Paul Caruana jew lill-familjari taghhom ghall-zmien sena taht penali ta’ €2300.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------